# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 28 t'April 2025

**Rik. Gur.Nru.: 110/2025 JPG**

**Kawza nru.: 25**

**SM**

**U**

**SF**

**Vs**

**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 6 ta' Marzu 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sitta ta' Jannar tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (06/01/1996) fil-Knisja tal-Lunzjata (Thabbira lill-Madonna), maghrufa wkoll bhala The Carmelite Church, fl-Imdina, kif jixhed ic-certifikat taz-zwieg taghhom anness u mmarkat bhala Dok 'A';*

2. *Illi minn dan iz-zwieg taghhom kellhom wild; EF, illi twieldet f'X li llum il-gurnata hija maggiorenni u ghandha X sena;*

3. *Illi l-partijiet huma legalment isseparati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat tletin ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (30/09/2004) fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, kopja legali ta' liema qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok 'B';*

4. *Illi l-partijiet iddekadew mid-dritt ta' manteniment mingħand xulxin (Ara Dok 'B', klawsola numru tmienja (6)), u għaldaqstant m'hemmx arretrati jew manteniment dovuti f'dan ir-rigward;*

5. *Illi fir-rigward tal-manteniment tal-wild E, li llum il-gurnata ghandha X sena, m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti favur l-wild tal-partijiet;*

6. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra illi ilhom legalment separati ghal iktar minn ghoxrin (20) sena, llum għandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

7. *Illi r-rikorrent SF qieghed jikkonferma l-fatti kollha kontenuti f'dan ir-rikors permezz ta' affidavit, li qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dok 'C';*

8. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 18)

**Ikkonsidrat:**

**SM (vide affidavit fol 16) xehdet** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar is-6 ta' Jannar 1996 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggorenni. Iddikjarat illi huma sseparaw

legalment permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Settembru 2004 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**SF xehed (vide Fol 17)** u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Jannar 1996 liema zwieg jgib certifikat numru 36/1996 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, llum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nhar it-30 ta' Settembru 2004 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 36/1996 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**